



Brussell, 15 ta' Novembru 2022
(OR. en)

13660/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0318(BUD)**

**FIN 1091
PE-L 38**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13056/22 (COM(2022) 351 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2022: Miżuri addizzjonali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna, tisħiħ tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni, tnaqqis fl-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-aġġornament tad-dħul, aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi – <i>Adozzjoni</i>

1. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 5 għall-baġit ġenerali għall-2022.

L-għan tal-ABE Nru 5/2022 huwa li jaġġorna n-naħat tan-nefqa u tad-dħul tal-baġit tal-2022 biex:

- (a) jiġi inkluż il-finanzjament tat-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) biex jiġu indirizzati l-aktar lakuni urġenti u kritiċi fid-difiża permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar l-akkwist komuni;
- (b) jissaħħu l-miżuri ta' emerġenza taħt il-fergħa tal-Katina Alimentari tal-Programm tas-Suq Uniku (SMP), sabiex l-Istati Membri jiġu rimborżati wara sensiela ta' tifqigħat tal-Influwenza Avjarja b'Patoġeniċità Għolja u tad-Deni Afrikan tal-Ħnieżer;

- (c) jantiċipa u jsaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), sabiex ikompli jidderieġi l-assistenza in natura lill-Ukrajna. Barra minn hekk, il-ħelikopters u ajruplani ħfief oħra ser jinkrew biex tiżdied it-tnejja tal-Unjoni għat-tifi tan-nar mill-ajru fl-2023 u jitħaffef l-akkwist ta' kapaċitajiet permanenti mill-ajru;
- (d) tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-UE għaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) biex jiġu evitati diffikultajiet operazzjonali;
- (e) tissaħħaħ in-nefqa amministrattiva u l-pensjonijiet fl-intestatura 7 bħala riżultat ta' inflazzjoni għolja u prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew b'rata mgħaġġla;
- (f) jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-UE4Health;
- (g) jiġi rritornat l-ammont korrispondenti mir-riżerva għal-linja tat-trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li minnha ġie kkumpensat, filwaqt li jitqies id-dewmien fl-approvazzjoni ta' mandat ġdid ta' "ReFuelEU Aviation" għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA);
- (h) jiġu aġġornati l-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), kif ukoll biex jiġi inkorporat l-impatt tad-differenzi fir-rati tal-kambju,

kif imniżżel fid-dokument 13056/22.

B'mod ġenerali, l-impatt nett ta' dan l-ABE fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 447.5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u tnaqqis ta' EUR 741.1 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (a/p).

L-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa tnaqqis nett fil-kontribuzzjonijiet tal-ING ta' EUR 3 779 miljun.

2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 5/2022 fil-laqgħat tiegħu tal-5, l-11 is-17 u l-25 ta' Ottubru.

Matul dan l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit irrikonoxxa l-improbabbiltà li l-bażi legali għall-EDIRPA tiġi adottata sa tmiem is-sena 2022. Għalhekk, il-Kumitat tal-Baġit qabel li ma jpoġġix ammont ta' EUR 82.97 miljun previst għall-programm fir-riżerva baġitarja għal approprjazzjonijiet differenzjati.

Għalhekk, il-Presidenza pproponiet li jiġi emendat l-ABE Nru 5/2022 kif meħtieġ, u li jitnaqqas l-ammont ta' EUR 82.97 miljun f'a/i mill-ABE Nru 5/2022, li jħalli l-a/i fil-livell ta' EUR 364.55 miljun minflok ta' EUR 447.53 miljun;

Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta tal-Presidenza fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ottubru u seta' jaċċettaha.

3. Fl-14 ta' Novembru 2022, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, fil-qafas tal-ftehim dwar test konġunt dwar il-baġit 2023, laħaq qbil politiku dwar l-ABE Nru 5/2022, fejn aċċetta li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni¹ kif proposta mill-Kunsill.
4. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar l-ABE Nru 5/2022 mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

¹ Dok. 13056/22.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
- jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 5/2022 kif tinsab fil-punt 2,
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022, kif tinsab fid-dokument 13661/22, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 għas-sena finanzjarja 2022, adottata mill-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2022.

(Formola tal-ġheluq).
